# IL-BIDWI

**FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA**

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

Nru. 123 — NOVEMBRU, 1949. — Nru. 123


## IŻIRGĦU BIKRI

**(ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja)**

**IL-GĦANA ta' pajjiż jiddependi l-aktar mill-ħila ta' kemm dak il-pajjiż ibiegħ aktar milli jixtri. Il-qagħda tagħna dwar din il-ħaġa hija daqsxejn imwegħra billi jonqsuna għadd ta' affarijiet biex inkabbru l-esportazzjoni li nixtiequ minħabba ċirkustanzi li ma humiex ħtija tagħna, bħal ma huma nuqqas ta' rkaptu u riżorsi oħra naturali fosthom ilma, petrol, faħam u minerali.**

L-esportazzjoni prinċipali tagħna kienet minn dejjem tiddependi mill-prodotti tal-biedja: Patata, basal u kemmun. Il-patata kienet ir-riżorsa ewlenija ta' l-esportazzjoni tal-Gżejjer tagħna.

Mill-gwerra 'l hawn il-qagħda ta' l-Ewropa tbiddlet għal kollox. Ħafna pajjiżi ftaqru u oħrajn, minħabba l-ekonomija ta' arthom, qegħdin iħaddmu għadd ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni. Minħabba hekk is-suq waħdani li għad baqgħalna għall-prodott tal-patata huwa s-suq ta' l-Ingilterra, li dan l-anqas ma huwa liberu għal kollox minn restrizzjonijiet li jistgħu jfixkluna jekk ma nippruvawx negħilbuhom bil-għaqal kollu.

L-Ingilterra tinsab ukoll f'taqbida biex ittejjeb l-ekonomija tagħha u biex tasal f'dan il-għan qiegħda titħabat biex tnaqqas kemm jista' jkun il-valur ta' l-importazzjoni. Wieħed mill-passi li qiegħda tieħu huwa li tipprojbixxi l-importazzjoni tal-patata f'pajjiżha malli jibda jilħaq xi ftit mill-prodott tagħhom u l-poplu jkun jista' jinqeda bih. **Is-sena l-oħra l-Ministeru inkarigat kien iffissa l-14 ta' Mejju bħala l-aħħar jum li fih tista' tiġi impurtata patata. Kienet daqqa ta' ħarta għal Malta, l-għaliex l-istaġun tagħna kien imwaħħar u riedet tkun il-ħidma ħabrieka tad-Dipartment tal-Biedja sabiex, bħala konċessjoni speċjali għal Malta, din id-data ġiet imtawla sal-24 ta' Mejju u b'hekk ilħaqna xi ftit is-suq Ingliż.**

Is-sena l-oħra ma kienet ħtija ta' ħadd li ż-żerriegħa waslitilna tard. Strikes u maltempijiet kienu dewmu l-vapuri. Nittamaw li ma' tul dan l-istaġun li ġej ma nsibux l-istess tfixkil u ż-żerriegħa taslilna kmieni biżżejjed biex il-prodott tagħna jkun jista' jinżera' bikri biżżejjed biex jilħaq is-suq Ingliż. Il-miżergħa kmieni hija s-sigriet kollu ta' l-esportazzjoni tagħna u b'dan il-kliem nixtieqi nħeġġu lill-bdiewa tagħna li beħsiebhom jiżirgħu għall-esportazzjoni sabiex ma joqogħdux jitnikkru u jħallu għall-aħħar, iżda jaħsbu biex iż-żerriegħa tal-patata li minha jkunu jridu jieħdu l-prodott għall-esportazzjoni jiżirgħuha bikri kemm jista' jkun.

**L-estensjoni li ġiet mogħtija s-sena l-oħra, dwar id-data ta' l-importazzjoni fis-suq ta' l-Ingilterra, tista' ma terġax tiġi mogħtija din is-sena, billi pajjiżi oħra jinsabu fl-istess qagħda tagħna u qegħdin jitħabtu minn issa biex il-Gvern Ingliż jagħtihom l-istess konċessjoni speċjali li ġiet mogħtija lilna s-sena li għaddiet. Il-Gvern ta' Ċipru, permezz tal-Kummissarju li għandu ġo Londra, qiegħed jitħabat biex jikseb din il-konċessjoni u l-Gvern Ingliż ġa wiegħbu li konċessjoni bħal din teffettwa l-ekonomija Ingliża.**

Il-parir waħdani li seta' jagħti sa issa l-Ministeru tal-Biedja Ingliż lill-Gvern ta' Ċipru huwa preċiżament dak li qegħdin nagħtu aħna l-lum lill-bdiewa tagħna: **"Iżirgħu kmieni kemm tistgħu sabiex tkunu tistgħu tiksbu l-vantaġġi tas-suq Ingliż".**

## Kors ta' Tagħlim fil-Biedja

**MILL-EWWEL ta' Diċembru, 1949, il-Gvern beħsiebu jibda kors ta' tagħlim fil-biedja u fit-trobbija ta' l-annimali. Dan il-kors ikun għal sena u jsir fl-Iskola li hemm fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa.**

Is-suġġetti li jiġu mgħallmin ikunu:—

1. Biedja in ġenerali;
2. Ħxejjex, frott u fjuri;
3. Trobbija tal-majjali, tjur u fniek;
4. Trobbija tal-bhejjem ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż.

Dawk kollha li jixtiequ jidħlu għal dan il-kors għandhom jibagħtu applikazzjoni lid-Direttur tal-Biedja, Nru. 53, Triq l-Arċisqof, il-Belt, mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru, 1949. Ma' l-applikazzjoni jinħtieġ li jintbagħtu wkoll:—

(a) Fidi tal-Magħmudija; (b) Ċertifikat ta' kondotta minn persuna magħrufa; (c) Ċertifikat li juri li l-kandidat ikun mill-anqas għadda l-kors kollu ta' l-Iskola Primarja li kien imur fiha.

Il-ħsieb ta' dan il-kors huwa li jiġi mogħti tagħlim prattiku lil dawk li beħsiebhom jagħżlu l-Biedja bħala l-karriera tagħhom, kemm għal Malta kif ukoll għal barra minn Malta. Dan it-tagħlim ikun ukoll ta' ħtieġa għal dawk kollha li s-sengħa tagħhom hija l-biedja u jixtiequ li jkabbru t-tagħlim li għandhom.

Dan il-kors ta' tagħlim li huwa parti minn proġett għall-iżvilupp tal-Biedja isir mingħajr ebda ħlas. It-tagħlim fuq is-suġġetti kollha isir mill-Uffiċjali Tekniċi tad-Dipartment tal-Biedja.

Dan il-proġett ġie maħsub l-aktar biex igħin lill-bdiewa żgħażagħ u lil dawk kollha li għaddew it-tagħlim primarju jew sekondarju tagħhom u, għal xi raġuni jew oħra, ma setgħux ikomplu fl-istudju kif ukoll għal dawk li biħsiebhom jemigraw biex imorru jaħdmu fil-biedja.

## ESPORTAZZJONI TA' FROTT GĦALL-INGILTERRA

Ngħarrfu illi l-Ingilterra tagħti permessi għall-importazzjoni ta' dawn il-frottijiet li jikbru f'Malta, mingħajr l-ebda restrizzjonijiet: Lumi, Lumiċell, Mandurina, u Rummien. L-esportaturi li jixtiequ japprofittaw ruħhom minn dawn l-arranġamenti ġodda jagħmlu offerti lill-importaturi tal-frott Ingliżi.

# Il-Produzzjoni tal-Halib

(*Ed. Ebeyer Slythe*)

**ŻMIEN ilu, qabel ma jiena sifirt, kont għedt u ktibt ħafna fuq il-mogħża Maltija fu l-importanza nazzjonali li għandha. Il-mogħża minn dejjem kienet miżmuma għal ħaġa waħda: "Il-Halib", u l-lum, li għandna bżonn ta' ħalib aktar f'pajjiżna hemm bżonn illi nkabbru l-produzzjoni tal-ħalib. Din il-produzzjoni tista' tiżdied mhux billi nżidu fin-numru ta' l-annimali biss, imma billi mill-istess numru ta' annimali nieħdu aktar ħalib.**

Dana jista' jsir kif sejjer ingħidilkom 'il quddiem. Il-Mogħża Maltija l-lum naqqset ħafna mill-produzzjoni tagħha u hemm bżonn li nieħdu ħsieb din l-affari. Bid-diskors biss ma jsir xejn u jeħtieġ li niġu għall-fatti u nagħmlu bħalma qegħdin jagħmlu pajjiżi oħra li huma progressivi u kuljum mexjin 'il quddiem. Diffikultajiet jiltaqa' magħhom kulħadd.

Il-ħalib frisk li qed jipproduċi l-pajjiż tagħna jinkiseb l-aktar mill-mogħoż, u billi dawn jeħtieġu ikel inqas mill-baqar, jistgħu jitrabbew bi spejjeż żgħar u jistgħu jiġu immaniġġjati bla taħbit wisq, il-mogħoż huma annimali ekonomiċi u li ġeneralment iħallu profitt sabiħ.

Produzzjoni akbar ta' ħalib fu titjib finnisel tal-mogħoż tagħna jistgħu jintlaħqu bi tliet metodi:

(i) Trobbija bis-sengħa;

(ii) Għażla ta' l-aħjar mogħoż millmerħla għal skopijiet ta' tnissil;

(iii) Tgħammil tal-mogħoż li għandna mal-btabat Saanen sabiex intejbu l-mogħża lokali.

Għaldaqshekk l-għażla ta' l-aħjar mogħoż, it-tgħammir tagħhom ma' razez li jipproduċu ħafna kif ukoll trobbija bissengħa b'attenzjoni kbira fil-għalf, bħalma huwa meta l-lucerne jinżamm għanniexef, jagħtuna riżultati tajbin ħafna fi żmien qasir.

*L-aħjar u l-eħfef ħaġa li tistgħu tagħmlu bħalissa hija li tkomplu tgħammru l-mogħoż tagħkom mill-btabat Saanen li hemm fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, il-Marsa. Il-gidien nisa li jitnisslu għandhom jitrabbew u meta jilħqu jiġu huma wkoll imgħammra mal-btabat Saanen.*

Dan huwa dak li qed isir f'pajjiżi oħra. F'Ċipru, fejn il-mogħża għandha l-istess importanza li għandha f'Malta, importaw ir-razza tal-mogħoż Saanen u ħalltuha mar-razza ta' mogħoż li kellhom filpajjiż. Waħda mill-mogħoż Saanen li għandu l-Gvern ta' Ċipru fli "Stock Farm" tiegħu, ħalbet 'il fuq minn żewġ galluni ħalib f'24 siegħa.

Ir-razza Saanen xterdet ma' l-Ewropa kollha, u hija razza tassew popolari. Kull fejn din ir-razza ġiet importata, hija żammet fil-għoli l-fama tajba tagħha għall-produzzjoni kbira ta' ħalib.

*Il-mogħża Saanen hija annimal ... ħtu li jirreżisti għall-mard. Din il-... ża wirtet produzzjoni kbira ta' ħalib istess nisel tagħha. Mogħoż imgħa... mal-botbot Saanen, dejjem kellhom fil-produzzjoni tal-ħalib u għalkem... il-mogħża tagħti produzzjoni kbira ... lib tagħha jkun fih 'il fuq minn ... mija krema.*

Hafna minn dawk li jrabbu l-m... u jifhmu xi ħaġa dwar it-trobbja ... ħom skond is-sengħa, imxew fuq il-... tad-Dipartiment tal-Biedja u f'daw... aħħar tliet snin għammru l-mogħoż ... ħom mr-razza Saanen u b'hekk huma ... kemm tassew irnexxielhom itejbu n... tal-mogħoż tagħhom u jkabbru l-pr... zjoni tal-ħalib frisk.

Din ir-razza ta' mogħoż Saanen, ... saret popolari ħafna fil-Gżejjer ta... kif jidher mir-rekord ta' servizzi ... tagħmir li saru mill-btabat ta' di... razza li għandu l-Gvern.

Minħabba dana kollu li fissirt, irri... ħeġġeġ lil dawk kollha li jrabbu l-mo... u li għadhom ma ħadux ebda va... minn dan is-servizz sabiex ifittxu jg... mru l-mogħoż tagħhom mir-razza Sa... bla telf ta' żmien. Il-ħlas għal kull ... vizz huwa ta' xelin u nofs.



Gendus tar-razza British Friesian li nġieb bl-ajru mill-Ingilterra u li jinsab fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa.

## GHALF GHALL-PAPRI

Sabiex il-papri jagħtu produzzjoni kbira ta' bajd, daqs 300 bajda fis-sena, huma għandhom jiġu magħlufin taħlita ta' ikel skond is-sengħa. Taħlita tajba ħafna tista' ssir minn 3 partijiet qamħ, 2½ partijiet ħafura, 3 partijiet xgħir u nofs parti minerali. Iż-żrieragħ għandhom jiġu midħunin. Wara dan il-papri jkunu jiħtieġu wkoll xi ħaxix.

**GHALL-MILIED**

**Tista' tiekol l-isbaħ dundjan jekk jirnexxilek tirbaħ il-LOTTERIJA NAZZJONALI**

**— HU BILJETT IL-LUM. —**

## HALIB FRISK AKTAR

Generazzjoni ilu 800 gallun ħalib ... sena minn baqra waħda kienu meq... bħala l-akbar ammont ta' ħalib li b... waħda tista' tagħti fil-waqt li tibqa' f... ħitha. Fl-1911, l-esperti fissru li kien... jirnexxilhom jiżviluppaw baqra li ta... 2,000 gallun ħalib fis-sena. Fl-1918, ... ret il-baqra li ħalbet 2,000 gallun ... f'sena waħda. Minn dak iż-żmien 'l h... kien hemm baqar li ħalbu sa 3,000 ga... ħalib f'sena waħda.

Din il-baqra hija l-"British Friesia... ħafna minn dawn il-baqar jaħilbu 2... gallun ħalib fis-sena, mingħajr ma ji... s-saħħa, is-sbuħija ta' ġisimhom jew... qawwa li jitgħammru u jipproduċu. ... qar ta' din ir-razza, issa jinsabu Malt... l-gniedes tagħhom jistgħu jitgħam... minnhom il-baqar lokali. Approfit... rwieħkom minn ċans sabiħ bħal dan.

## BIXXU L-UĊUH TAL-PATATA

Hafna mill-uċuħ tal-patata jinsabu ... aqwa tagħhom. Thallux li jerġa' ji... na bħas-sena l-oħra meta tilfna k... l-wiċċ kollu tas-saqwi u tax-xitwa. ... ħabba li xi bdiewa ma bexxewx l-u... tal-patata bil-Mistura Bordoliża li ... tinxtara bi ftit soldi u tħarsilhom ... prodott tagħhom mill-mard.

Fl-interessi tagħkom stess, isimgħu ... twissijiet li qiegħed jagħtikom id-Di... timent tal-Biedja.

Bixxu l-uċuħ tal-patata filgħodu u j... tagħmel xita qawwija, erġgħu bixx... mill-ġdid. Bixxuha għall-inqas darbt... f'intervalli ta' 20 ġurnata u jekk i... meħtieġ bixxuha iżjed minn darbtejn u... skond kif tagħmel ix-xita. Nerġgħu ... ripetu, — wara kull xita qawwija ji... meħtieġ il-bexx sabiex l-uċuħ ma ... messux.

